# Grand Holland
## with a touch of Belgium

**11-16 TA' SETTEMBRU**

**INŻURU: ROTTERDAM, AMSTERDAM, KINDERDIJK, MARKEN, VOLENDAM, EFTELLING THEME PARK , ANTWERP**

### L-ERBGĦA 11 TA' SETTEMBRU
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-05.30 sabiex nagħmlu ċ-check in għat-titjira KM394 li titlaq fit-07.25 u tasal **Amsterdam** Schiphol fil-10.50. Nibqgħu sejrin lejn iċ-ċentru tal-belt fejn ikollna **city tour** biex naraw postijiet ta' interess fosthom **Royal Palace, National Monument, Dam Square, Rembrandt Square, Skinny Bridge, Anne Frank House**, naraw il-famużi kanali li jdawru lil din il-belt u l-port t'Amsterdam. Naraw il-mitħna li tinsab fuq x-**xmara Amstel**. Nkomplu lejn **Rotterdam** fejn l-akkomodazzjoni ser tkun ġewwa l-Hotel NH Atlanta 4 star li qeda fiċ-ċentru.Ħarġa mal leader.

### IL-ĦAMIS 12 TA' SETTEMBRU
Buffet breakfast, wara jkollna eskursjoni għal **Marken u Volendam**. Illum ser inkunu f'kampanja tipika **Olandiża**, fejn apparti li nżuru dawn iż-żewġ villaġġi tas-sajjieda, ikollna wkoll l-opportunita' li nżuru l-villaġġ ta' **Zaanse Schans** li jinsab fuq ix-**xmara Zaan**, magħruf għall-**windmills**, kif ukoll razzett tipiku fejn il-ġobon għadu jiġi pproċessat b'mod tipiku u anki l-manifattura tal-famużi żraben Olandiżi, **il-Clogs**. Nirritornaw lura l-hotel. Ħin liberu biex tgawdu iċ-ċentru bil ħwienet sabiħ ta'Rotterdam.

### IL-ĠIMGĦA 13 TA' SETTEMBRU
Breakfast u wara jkolla walking **city tour** biex naraw il 'Land Marks' tal-belt u postijiet ta' nteress bħas Central Station, Old Harbour,Cruiseliner li ġie ikkonvertit f'lukanda, Market hall u ma tistax ma żżurx il **'Kubuswoningen museum'** (Cube houses museum ent. extra). Għal min irid wara nofs inhar immorru naraw u nitilgħu fuq il '**Euromast Tower'** għoli 185 metru. Wara jkollna l-opportunita li ngħamlu cruise mal-port ta'Rotterdam.







### IS-SIBT 14 TA' SETTEMBRU
Wara l breakfast nitilqgħu biex ingawdu ġurnata sħiħa fl-isbaħ **themepark tal-Olanda, Efteling Theme Park (dħul extra)** post ta' divertiment għat-tfal kif ukoll għall-kbar. Hawn insibu **roller coasters, Top Spin, Pirate Ship, Magic Bowl u għall-familja nsibu Trackless Train, Ocean Self Control Plane, W-Wave Flying Boots** u bosta logħob ieħor u shows għal kulħadd dawn kollha jagħmlu din il-ġurnata waħda memorabbli għal kulhadd. Nirritornaw lura lejn l-lukanda.

**6**
**T'IJIEM**

**MINN €**
**1,065**
**KULL PERSUNA**

**PREZZ KULL PERSUNA**
**ESKURSJONIJIET U TAXXI MĦALLSA**

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,115 | €1,065 |
| Kamra żewġ persuni | €1,120 | €1,070 |
| Kamra ta'Persuns weħida | €1,420 | €1,370 |
| Tfal sa 11-il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €950 | €900 |

**PREZZ JINKLUDI**
- Titjira Malta-Amsterdam-Malta mal-Air Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, boats mhux inklużi)
- 5 iljieli-Hotel NH Atlanta 4 star-Fiċ-ċentru ta' Rotterdam
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

### IL-ĦADD 15 TA' SETTEMBRU
Illum ser inżuru il-belt sabieħa ta' **Antwerp** li tinsab ġewwa il-Belgium.Jkollna city tour biex ingawdu postijiet ta'nteress bħal monumenti ewlenin u l-pjazza ewlenija ta' Groenplaats, katidral Onze-Lieve-Vrouwekathedraal u l-istatwa tal-artist Rubens, sqaqien u knejjes Gotiċi, flimkien mal-fdalijiet tal-ħitan tal-ġebel tal-qedem u l-Grote Markt (Pjazza tas-Suq il-Kbir).jkollna ħin liberu għal żjarat personaliu shopping mill ħwienet sbieħ ta'din il-belt.

### IT-TNEJN 16 TA' SETTEMBRU
Illum nistednuk tiskopri magħna l-post magħruf għall-imtieħen fl-Olanda, **Kinderdijk** li hu iddikjarat bħala wirt patrimonjali mill-UNESCO. Imkien fid-dinja ma'ssib numru ta' **imtieħen** daqs kemm hawn f'dan il-villaġġ. Min irid jista' jieħu boat trip madwar il-kanal (extra). Wara transfer bil-kowċ lejn Schiphol Airport fejn nagħmlu check-in għat-titjira KM387 li ttir fil-17.55 u tasal Malta fis-21:00.